# IL-ĠNUS MAGĦQUDA TIRRIKONOXXI L-PROĠETT WRECKLIFE TA' HERITAGE MALTA BIEX TIPPROTEĠI L-WIRT KULTURALI TA' TAĦT IL-BAĦAR

**Stqarrija | 7 ta' Awwissu 2024**

It-Taqsima tal-Wirt Kulturali ta' Qiegħ il-Baħar (UCHU) ta' Heritage Malta, b'sodisfazzjon tħabbar li l-inizjattiva Deċennju tal-Oċean tal-Ġnus Magħquda rrikonoxxiet uffiċjalment il-proġett WreckLife, immirat biex ikabbar l-għarfien tagħna dwar ir-relazzjoni kumplessa li teżisti bejn fdalijiet storiċi fl-ibħra max-xtut Maltin u l-ambjenti ta' madwarhom.

WreckLife jindirizza l-isfidi tad-degradazzjoni ta' dawn il-fdalijiet u l-impatt tagħha fuq l-organiżmi u l-ekosistemi tal-baħar. Billi jeżamina bidliet temporali fil-klima u l-effetti tagħhom fuq l-ambjent tal-baħar u juża approċċ komprensiv u interdixxiplinari, il-proġett jimmira li jsaħħaħ il-kapaċità tagħna li nbassru degradazzjoni futura u niżviluppaw strateġiji effettivi għall-preservazzjoni ta' dawn is-siti ta' wirt kulturali taħt wiċċ il-baħar.

L-UCHU ta' Heritage Malta huwa msejjes fuq tliet pilastri fundamentali: Esplora, Irreġistra, u Aqsam. Dan l-impenn huwa mwettaq permezz ta' firxa ta' inizjattivi mmirati lejn it-tixrid ta' sejbiet minn taħt il-baħar lill-pubbliku. Fost dawn hemm il-Mużew Virtwali ta' Heritage Malta (www.underwatermalta.org), pjattaforma li tistieden lill-pubbliku jesplora s-siti storiċi li jinsabu fl-ibħra kostali Maltin, u l-programm Dive into History 360, li jagħti l-ħajja lil dawn is-siti permezz ta' esperjenzi ta' realtà virtwali ta' 360 grad b'riżoluzzjoni għolja, offruti lil udjenzi diversi fi skejjel, ċentri ta' matul il-jum għall-anzjani, konferenzi, u avvenimenti kemm lokalment kif ukoll globalment.

Il-proġett WreckLife jieħu l-ħidma tat-taqsima f' livelli ġodda, hekk kif jallinja ruħu mad-Deċennju tal-Oċean, inizjattiva globali tal-Ġnus Magħquda. Ir-rikonoxximent tal-proġett mill-Ġnus Magħquda jenfasizza l-importanza tal-ħarsien tal-wirt kulturali ta' taħt il-baħar madwar id-dinja. Il-proġett jiffoka fuq l-identifikazzjoni ta' għarfien kritiku dwar l-oċeani, il-bini tal-kapaċità u ż-żieda fl-użu tal-għarfien dwar l-oċeani.

Il-fdalijiet ta' opri tal-baħar fl-ibħra tagħna huma studjati bħala gżejjer ekoloġiċi, f'għaqda bejn metodoloġiji arkeoloġiċi u riċerka bijoloġika li tinkludi t-teħid ta' kampjuni tas-sediment, l-immappjar tat-temperatura u l-kejl tad-dawl. Operazzjonijiet xjentifiċi tal-għadis kif ukoll teknoloġiji oħra ta' taħt il-baħar huma utilizzati għall-monitoraġġ u l-ġbir tad-dejta, u jipprovdu dejta b'riżoluzzjoni għolja għal għarfien bla preċedent dwar id-dinamika ekoloġika madwar dawn is-siti arkeoloġiċi taħt wiċċ il-baħar.

WreckLife jiġbor flimkien tim imħallat ta' esperti minn diversi oqsma u istituzzjonijiet, inklużi diversi dipartimenti fl-Università ta' Malta, u b'hekk jiġġenera għarfien siewi li jittraxxendi l-konfini dixxiplinarji, jiżviluppa metodoloġiji ġodda ta' riċerka, u jippromovi l-innovazzjoni. Billi jippubblika artikli b'aċċess miftuħ u jinvolvi ruħu mal-pubbliku permezz ta' programmi edukattivi

u pjattaformi interattivi online, il-proġett jiżgura li s-sejbiet tar-riċerka tiegħu jilħqu udjenza wiesgħa filwaqt li jippromovu l-litteriżmu dwar l-oċeani u l-ħarsien ambjentali.

WreckLife jistabbilixxi standard ġdid għall-ġestjoni ta' fdalijiet storiċi ta' opri tal-baħar f'qiegħ il-baħar u l-ekoloġiji tagħhom, u dan jikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-wirt kulturali ta' taħt il-baħar madwar id-dinja.